

**Brussell, 26 ta' Ġunju 2023
(OR. en)**

11057/23

**COAFR 220
CFSP/PESC 924
CSDP/PSDC 514
DEVGEN 129
COHAFA 73
COHOM 148**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja kif approvati fit-3961 laqgħa tal-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023.

Somalja**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha jilqgħu b'sodisfazzjon il-progress sinifikanti miksub fis-Somalja minn mindu l-President Hassan Sheikh Mohamud assuma l-kariga f'Mejju 2022. L-UE tfaħħar lill-Gvern Federali tas-Somalja (FGS) għall-isforzi tiegħu biex jibni Somalja stabbli u paċifika biex jiġi żgurat it-twettiq tat-tranżizzjoni tas-sigurtà f'konformità mal-mandati tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU UNSCR 2628 u UNSCR 2670, kif ukoll għall-aġenda ta' riforma ambizzjuża tiegħu, inkluż l-impenn għal rikonċiljazzjoni komprensiva u riformi makroekonomiċi. L-UE tfaħħar ukoll l-impenn tal-FGS għall-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.
2. L-UE tapprezza ħafna s-šhubija li ilha teżisti mas-Somalja u d-Djalogu Politiku msaħħaħ mal-FGS li rriżulta fl-approvazzjoni tal-"Pjan Direzzjonali Operazzjonali Konġunt UE-Somalja – Impenn Iffukat Imġedded" (il-"Pjan Direzzjonali"). Il-Pjan Direzzjonali għandu l-għan li japprofondixxi l-effiċjenza u l-effettività tal-kooperazzjoni strateġika bejn l-UE u s-Somalja, filwaqt li jiffoka fuq stadji importanti definiti relatati mal-oqsma ta' prijetà li joriġinaw mill-aġenda ta' riforma tal-FGS ta' politika inklużiva u demokratizzazzjoni, drittijiet tal-bniedem, sigurtà u stabbilizzazzjoni, kif ukoll tkabbir soċjoekonomiku. Is-šhubija u l-kooperazzjoni bejn is-Somalja u l-UE huma bbażati fuq valuri u prinċipji kondiviżi, responsabbiltà u benefiċċju reċiproċi, trasparenza, u responsabbiltà, kif ukoll fuq sjieda u twettiq b'saħħithom mis-Somalja, li ser ikunu essenzjali mhux biss biex jissaħħaħ il-progress fir-riformi iżda wkoll ser jiggwidaw l-appoġġ tal-UE. L-UE tistenna b'interess l-operazzjonalizzazzjoni konġunta ta' dan il-Pjan Direzzjonali.

3. L-UE hija s-sieħeb ewlieni fit-tul tas-Somalja b'kontribuzzjonijiet sinifikanti li jammontaw għal aktar minn €4.3 biljun¹ mill-2009, inkluż €2.5 biljun mobilizzati permezz tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) lill-Unjoni Afrikana (UA) u, aktar reċentement, lill-Armata Nazzjonali Somala (SNA). Dan l-appoġġ kien, u ser jibqa', ibbażat fuq l-approċċ integrat tal-UE li tappoġġa l-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp, kif ukoll li twieġeb għall-ħtiġijiet umanitarji. L-UE tinkoraġġixxi lis-Somalja biex tkompli tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-oqsma ta' prijorità tal-Pjan Direzzjonali u timpenja ruħha li tappoġġa aktar dawn l-isforzi.
4. L-UE tilqa' bi pjaċir l-impenn tas-Somalja għal riformi politiċi relatati mal-bini tal-istat, ir-rikonċiljazzjoni u l-elezzjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha. Hija tfaħħar il-progress miksub mill-FGS flimkien mal-Istati Membri Federali (FMS) fil-Kunsill Konsultattiv Nazzjonali (NCC). Filwaqt li tirrikonoxxi l-progress li sar s'issa, l-UE tenfasizza l-importanza tal-finalizzazzjoni tal-Kostituzzjoni permezz tal-kodifikazzjoni meħtieġa tal-ftehimiet milħuqa fl-NCC, inkluż dawk dwar id-demokratizzazzjoni u l-prinċipju ta' rappreżentanza ugwali, l-istabbiliment tal-Qorti Kostituzzjonali u l-formazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem. Filwaqt li tfaħħar l-impenn attiv tal-President Hassan Sheikh Mohamud biex jilħaq lill-Presidenti tal-FMS, l-UE tinkoraġġixxi djalogu kontinwu bejn l-FGS u l-FMS u l-kontribut kostruttiv tal-FMS għall-proċess tal-bini tal-istat. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza ta' proċessi inklużivi u trasparenti għall-konsolidazzjoni tal-paċi u l-iżvilupp fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali. Hija tilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-FGS li jiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tan-nisa, iż-żgħażaġh, clans ta' minoranza u persuni li jappartjenu għal gruppi emarġinati oħra.

¹ Din iċ-ċifra ma tinkludix l-impenji bilaterali tal-Istati Membri.

5. Hekk kif ikompli l-progress fl-isferi politiċi, ta' sigurtà u soċjoekonomiċi, l-UE tenfasizza l-importanza li s-Somalja tkompli tagħmel avvanzi fil-governanza tajba, l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-impunità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertajiet politiċi, bħal-libertà tal-espressjoni. Dawn huma kollha pedamenti essenzjali għall-iżvilupp inklużiv u l-paċi sostenibbli. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' b'sodisfazzjon l-impenji espressi mill-FGS biex jonora l-obbligi tiegħu u tinkoraġġixxi l-avvanz tal-leġislazzjoni rilevanti, bħall-liġijiet dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili u r-reati sesswali, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE tinsab lesta li tappoġġa aktar progress f'dawn il-kwistjonijiet.
6. L-UE ttenni l-impenn u l-appoġġ tagħha għall-FGS u l-poplu tas-Somalja fil-ġlieda tagħhom kontra al-Shabaab. Hija tagħti ġieħ lill-irġiel u n-nisa Somali għas-sagrifiċċji enormi li għamlu, kif ukoll is-servizz u s-sagrifiċċju tal-AMISOM/ATMIS u l-pajjiżi li kkontribwew truppi fil-kampanja kontra al-Shabaab matul missjonijiet suċċessivi mmexxija mill-UA. L-UE tirrikonoxxi u thegħġeg il-momentum fl-offensivi fuq tliet binarji (militari, finanzjarji, ideoloġiċi). L-UE tappella lill-UA/ATMIS u lis-Somalja biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom b'appoġġ għat-tranżizzjoni tas-sigurtà tas-Somalja, inkluż għall-operazzjonijiet immexxija mis-Somalja li għaddejjin kontra al-Shabaab. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' bi pjaċir ir-rwol tal-Istati l-aktar esposti u l-appoġġ mill-pajjiżi li kkontribwew truppi. Fit-twettiq ta' operazzjonijiet militari, l-UE tfakkar li l-atturi kollha jridu jirrispettaw id-dritt umanitarju internazzjonali u l-prinċipji ewlenin ta' prekawzjoni u distinzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, u jridu jiffaċilitaw aċċess sikur u mingħajr xkiel għal dawk fil-bżonn, irrispettivament minn fejn ikunu.

7. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġu stabbilizzati t-territorji liberati u tilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp mill-FGS ta' Strateġija Nazzjonali ta' Stabbilizzazzjoni f'approċċ ta' "gvern sħiħ". Biex jiġu appoġġati l-paċi u l-istabbiltà sostenibbli f'żoni li ġew liberati reċentement, huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-istabbiltà, jiġu integrati l-attivitajiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jiġu pprovduti protezzjoni, ġustizzja u servizzi bażiċi, b'has-saħħa u l-edukazzjoni, għall-poplu Somalu. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza li jiġu indirizzati r-rabtiet tas-sigurtà tal-klima fl-isforzi ta' stabbilizzazzjoni. L-UE tinsab lesta li takkumpanja l-isforzi tal-FGS u l-FMS.
8. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon il-passi meħuda lejn l-Arkitettura tas-Sigurtà Nazzjonali li jikkontribwixxu għal settur tas-sigurtà aktar responsabbli, li jagħti kont ta' għemilu, integrat u effettiv. L-UE tappella għall-implimentazzjoni tagħha taħt it-tmexxija u l-viżjoni Somali, bl-għan li jinbnew Forzi tas-Sigurtà Somali (SSF) kapaċi, effettivi u effiċjenti bi kmand u kontroll robusti, sorveljanza ċivili, irfiġh ta' responsabbiltà u strutturi ta' governanza fis-seħħ. L-UE tfakkar fl-oġettiv maqbul b'mod konġunt li s-Somalja tassumi r-responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess, mirfuda minn qafas legali u kostituzzjonali robust. L-UE tirrikonoxxi l-impenn tal-FGS li jiġġenera forzi addizzjonali u li jżid il-kapaċità tagħhom, filwaqt li tinkoraġġixxi aktar sforzi biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel tas-sigurtà.
9. L-UE hija impenjata li takkumpanja t-tranżizzjoni tas-sigurtà fis-Somalja u tenfasizza d-deċiżjoni tagħha li żżid gradwalment l-appoġġ għall-SNA fl-2023-2024. Hija ser tkompli tikkalibra wkoll l-istrumenti relatati mas-sigurtà tal-UE, inkluż il-missjonijiet tal-PSDK (EUCAP, EUTM) u l-Operazzjoni ATALANTA, biex tappoġġa l-arkitettura tas-sigurtà Somala u l-implimentazzjoni olistika tal-Pjan Direzzjonali, inkluż il-mobilizzazzjoni ta' fondi addizzjonali biex jiġu appoġġati l-isforzi ta' finanzjament kontra t-terroriżmu u l-ħtiġijiet ta' ġenerazzjoni tal-forza. Meta tagħmel dan, l-UE ser tivvaluta l-ħtiġijiet fuq il-post u dawk espressi mill-FGS.

10. Barra minn hekk, lil hinn mill-operazzjonijiet attwali, l-UE tenfasizza l-urġenza li s-Somalja tibqa' tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-arkitettura tas-sigurtà tagħha u tassumi sjieda sħiħa għat-tranżizzjoni, inkluż l-iżgurar ta' koordinazzjoni komprensiva bejn is-sħab ewlenin tas-sigurtà. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li s-sħab kollha jiżguraw tranżizzjoni responsabbli mill-ATMIS għall-SSF, f'konformità mal-istrateġija ta' ħruġ għall-ATMIS u l-iskadenzi stipulati mill-UNSCR 2628 (2022)². L-UE tfakkar ukoll fil-parametri referenzjarji ifformulati b'mod konġunt mill-Kwartett (FGS, NU, UA u UE), u tinkoraġġixxi laqgħat regolari tal-Kwartett.
11. L-UE tenfasizza l-importanza tas-sigurtà marittima reġjonali fil-Qarn tal-Afrika, b'mod partikolari tul il-kosta tas-Somalja, minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħha u r-rotot kummerċjali marittimi. L-UE tfakkar fl-impenn tagħha li tapprofondixxi l-koooperazzjoni tagħha fis-sigurtà mas-Somalja fil-qasam marittimu, inkluż permezz tal-EUCAP u l-Operazzjoni ATALANTA, filwaqt li tkompli bl-isforzi mal-FGS biex ittejjeb il-kondizzjonijiet għall-operazzjoni tal-UE biex twettaq il-mandat sħiħ tagħha.
12. L-UE tieħu nota tal-passi li ħadet is-Somalja biex tilħaq punt ta' tlestija fil-proċess tal-Pajjiżi Fqar b'Ħafna Dejn (HIPC). L-ilħuq tal-Punt ta' Tlestija tal-HIPC ser jimmarka stadju importanti, bħalma t-titjib tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi ser ikun kruċjali biex jirfed sforzi aktar estensivi għall-bini tal-istat, inkluż f'żoni li għadhom kif ġew liberati. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-gvern Somalu biex isaħħaħ il-ġestjoni finanzjarja pubblika, irawwem il-meritokrazija u jiżgura r-responsabbiltà. L-UE tinkoraġġixxi u tappoġġa lis-Somalja biex tkompli tavvanza r-riformi ta' politika mmirati lejn it-tisħiħ tas-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja pubblika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ġenerazzjoni tad-dħul biex jiġi ffinanzjat it-twassil ta' servizzi bażiċi, inkluż is-sigurtà u l-istabbilizzazzjoni. L-UE tinkoraġġixxi lis-Somalja biex tavvanza l-adeżjoni tagħha mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

² Inkluż għall-irtirar sħiħ tal-ATMIS, sal-aħħar ta' Diċembru 2024.

13. L-UE tilqa' bi pjaċir ix-xewqa tal-gvern Somalu li japprofondixxi r-rabtiet kummerċjali bejn is-Somalja u l-UE billi jippromwovi l-kummerċ u l-investiment, inkluż permezz tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Pjattaforma ta' Investiment, Kummerċ u Negozju UE-Somalja. L-UE tiegħu nota pożittiva wkoll tar-rieda tal-FGS li jiddiversifika l-ekonomija u tapprezza l-approċċ għall-Ekonomija Blu fis-Somalja, filwaqt li tinsab lesta li tinvolvi ruħha fis-sajd u l-komunitajiet kostali.
14. L-UE hija estremament allarmata mill-kriżi umanitarja dejjem tikber³ fil-pajjiż ikkawżata min-nixfa fit-tul, il-kunflitt fit-tul u l-ispostament assoċjat. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tkompli tipprovdi assistenza umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet u f'konformità mal-approċċ li jorbot l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, filwaqt li tippromwovi azzjoni u aċċess umanitarji bbażati fuq il-prinċipji. Filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi li għaddejjin⁴, l-UE tappella wkoll lill-komunità internazzjonali biex iżżid l-appoġġ umanitarju għall-prevenzjoni ta' aktar telf ta' ħajjiet. B'mod parallel, l-UE tappella lill-FGS u lill-FMS biex jiżguraw aċċess umanitarju u jiffaċilitaw it-twassil newtrali u imparzjali ta' assistenza, f'konformità mal-oqfsa legali internazzjonali rilevanti. Fid-dawl ta' diżastri severi u rikorrenti relatati mal-klima, l-UE tissottolinja l-appoġġ tagħha għall-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima tas-Somalja, kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma.

³ F'Ġunju 2023, filwaqt li ġiet evitata karestija imminenti, il-ħtiġijiet għadhom għoljin, b'aktar minn 8.25 miljun persuna Somala fil-bżonn ta' assistenza umanitarja inkluż madwar 1.8 miljun tifel u tifla b'malnutrizzjoni akuta.

⁴ Fost oħrajn, l-Avveniment ta' Livell Għoli tad-Donaturi b'appoġġ għar-Rispons Umanitarju fil-Qarn tal-Afrika organizzat fi New York f'Mejju 2023, li ppermetta l-mobilizzazzjoni ta' \$2.4 biljun għas-Somalja, l-Etjopja u l-Kenja.

15. Fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, adottata f'Mejju 2021, l-attenzjoni tas-sħubija msaħħa u ffukata tal-UE mas-Somalja issa qiegħda fuq l-implimentazzjoni konġunta tal-Pjan Direzzjonali u ż-żamma tad-dinamika pożittiva. L-UE, permezz tal-approċċ integrat, ser tkompli timmobilizza s-sett ta' għodod kollu tagħha b'appoġġ għas-Somalja. Fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali, l-UE tinsab lesta li timpenja riżorsi addizzjonali għall-Programm Indikattiv Pluriennali (2021-2027). Barra minn hekk, l-UE ser tkompli timmobilizza l-Global Gateway, l-assistenza umanitarja, kif ukoll l-EPF u l-missjonijiet u l-operazzjoni tal-PSDK. Djalogi politiċi regolari, inkluż djalogi ta' livell għoli u settorjali mas-Somalja, ser ikunu kruċjali biex ikomplu jiġu diskussi l-prijoritajiet, il-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni, fi spirtu ta' sħubija.
16. L-isfidi li qed jiffaċċaw bħalissa l-Qarn tal-Afrika u s-Somalja jistgħu jingħelbu biss permezz ta' azzjoni konġunta u kkoordinata mill-qrib. L-istabbiltà ġenerali, is-sovranià u l-integrità territorjali kif ukoll l-iżvilupp paċifiku tas-Somalja huma kruċjali għall-pajjiż, għar-reġjun u għall-UE. L-UE tappella għal kooperazzjoni, sħubiji u koordinazzjoni internazzjonali msaħħa taħt l-inizjattiva u t-tmexxija Somali, biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' Somalja sikura u stabbli. Il-kooperazzjoni u l-appoġġ reġjonali mill-pajjiżi ġirien tas-Somalja huma kruċjali għall-istabbiltà fir-reġjun. L-UE tinkoraġġixxi lis-Somalja biex tkompli tavvanza l-impenn attiv tagħha kemm fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, inkluż mal-UA, l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp, il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant u l-Inizjattiva tal-Qarn tal-Afrika. F'konformità mal-Istrateġija tagħha għall-Qarn tal-Afrika, l-UE tibqa' impenjata li tappoġġa l-integrazzjoni reġjonali. L-UE, inkluż permezz tal-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, ser tibqa' f'kuntatt mill-qrib mal-pajjiżi fir-reġjun u ma' sħab reġjonali u internazzjonali tal-istess fehma biex tiżgura approċċ komuni b'appoġġ għall-paċi u l-istabbiltà dejjiema tas-Somalja.